MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 183/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn l-1 ta' Dicembru, 2008 sa l-14 ta' Dicembru, 2008, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Josianne Camilleri Bugeja w/jew lil bintu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevoka, thassar u tikkancella dik il-parti li tirrigwarda l-piena w tinfliggi piena alternattiva ghal dik ta' detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti fic-cirkostanzi kienet eccessiva . Meta l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti spjega illi huwa kien waqa' lura fil-hlas tal-manteniment minhabba li kien spicca bla xoghol. Fic-cirkostanzi ghalhekk kienet tkun aktar idonea piena li kienet tassikura illi jsir il-hlas fi zmien qasir minghajr ma tkun wahda ta' detenzjoni.

Semghet bil-gurament ix-xhieda ta' Josianne Camilleri Bugeja, fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat li sal-lum il-manteniment dovut ghadu ma thallasx, minkejja li ilu hekk dovut ghal seba xhur .

Kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (Appell Krim**. "Il-Pulizija vs. Anthony Saliba"** [15.7.1998] ) il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk

ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti, din il-Qorti , minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha . (ara ukoll App. Krim. **"Pulizija vs. Alfred Camilleri "** [18.9.2002] )

Ghalhekk ma hemmx kwistjoni dwar il-htija tal-appellant.

Pero', ghar-rigward tal-uniku aggravju dwar il-piena qieset il-verbal tal-lum li bih il-parte civile ddikjarat li hi w zewgha qed jaslu f'intendiment illi jsir il-hlas mhux biss ta' din il-partita mertu tal-kawza odjerna imma anke ta' arretrati ohrajn u li tali pagament ikun garantit b'ipoteka specjali fuq garage numru 2 Triq Nicolo' Baldacchino, Siggiewi. Il-parte civile ddikjarat ukoll li ma kienetx qed tinsisti fuq il-piena karcerarja.

Ikkonsidrat;

Illi mill-verbal redatt fis-seduta tal-lum jirrizulta li hemm l-intendiment fuq riprodott jirrizulta li l-appellant ser jaqta' xi arretrati ohra bhala manteniment dovuti u li ghalhekk l-istess parte civile ma tinsistix li jkun hemm il-piena tal-habs f'dan il-kaz stante li kien qed isir sforz genwin mill-appellant biex jigi in regola fil-hlas tal-arretrati l-ohra, li pero' mhumiex mertu ta' dan l-appell.

Jidher ghalhekk li hemm lok ghal temperament fil-piena w dana in linea mall-gurisprudenza applikabbli ghall-kazijiet simili, partikolarment il-kawza **"Il-Pulizija vs Publius Said"** [9.7.2003] u ohrajn, fejn gie ritenut li :-

*" Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq ................ w ghalhekk din il-Qorti thoss li  in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena."*

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni w minflok tikkundannah ghal hlas ta' hamsin Ewro (€ 50)  ammenda, li, jekk ma jithallsux illum stess jigu konvertiti f'erbat ijiem detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------